MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Numru 3/2009

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Rosario Distefano u**
**Giuseppina Benvissuto**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Rosario Distefano ta' 61 sena bin Giovanni u Giuseppina Stieno, imwieled Catania u joqgħod loklamentg 'Dolcevista' Saint Paul's Street Żurrieq. Huwa għandu l-karta tal-identita' numru 21495591 maħruġa mir-Repubblika Taljana; u

Giuseppina Benvissuto ta' 55 sena mart Rosario u bint Gerolamo Benvissuto, imwielda Catania u toqgħod

lokalment ‘Dolcevista’ Saint Paul’s Street, Żurrieq u li għandha n-numru tal-akrta tal-identita’ 21518694 maħruġa mir-Repubblika Taljana

Akkużati talli:

Fuq talba tad-Direttur tal-Mużewijiet bħala sidien tal-fond magħruf bħala Palazzo Armerija. Triq il-Ħaddiem, Żurrieq ħattew jew għamlu tibdil f’bini jew sit li huwa ta’ importanza fis-sens tal-artikolu 3 u cioe’ ta’ importanza ġeoloġika, arkeoloġika, ta’ qdumija jew artistika, jew ħattew jew għamlu tibdil fi fdal ta’ monumenti li jkunu jinsabu ġewwa fond sew jekk ikun fil-privat jew xort’oħra, u dan bi ksur tal-artikolu 6(1) tal-Kap 54;

Fuq talba tal-Awtorita’ tal-Ippjanar talli f’Palazz tal-Armerija, Triq il-Ħaddiem, Żurrieq, għamlu żvilupp fuq art jew ħallew isir xi żvilupp f’art li taħgha huma s-sidien, mingħajr permess tal-iżvilupp;

Ukoll talli wara li ġew notifikati b’Avviż biex Tieqaf numru ECF 231/94 datat 19 t’April, 1994 talli kienu qed jagħmlu alterazzjonijiet interni (tibdil ta’ soqfa) mingħajr permess fl-istess Armerija, liema Palazz jinstab Protett taħt l-Antiquities Protection List, u liema avviż inħarfeġ taħt l-artikolu 52(1) tal-Att dwar l-Iżvilupp dwar l-Ippjanar 1992, naqsu milli jħarsu xi waħda mill-ħtiġijiet tal-Avviż fi żmien speċifikat skond l-artikolu 56(1)(ċ), u cioe’ talli nonstgante li ġew notifikati b’tali Avviż biex Tieqaf, huma komplew jaħgmlu żvilupp mingħajr permess u saħnsiotra fl-4 ta’ Marzu 1997 kienu qed jagħmlu xogħlijiet fl-istess plazz mingħajr permess.

Il-Qorti ntalbet sabeix f’każ ta’ kundanna tapplika l-provvedimenti kkontemplati fl-artikolu 56(1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp 1992.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-ħatra ta’ perit arkitett li kien għamel il-Maġistrat (illum Imħallef) Dr Noel Cuschieri) fis-7 ta’ Marzu 1997 li biha huwa kien ħatar lill-Perit Albert Fenech sabeix jeżamina l-posty in kwistjoni, jisma’ x-

xhieda bil-ġurament u jirrelata dwar il-każ u l-promessa li għamlu ż-żewġ imputati li kellhom jieqfu mix-xogħol.

Rat ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Albert Fenech.

Jirriżulta mill-ispezzjoni li saret fuq il-fond li kien saru diversi estensjonijiet b'żixdiet fuq torri eżizteni u bini bħal torri mogħla żewġ sulari u estensjoni mogħla tleit sulari f'parti tal-ġnien. Fil-palazz inbidel saqaf fis-sala tal-pjanterran, b'faċċata fi Triq il-Ħaddiem li kien fi stat perikoluż, b'xorok u travi tal-ħadid ġodda, ftuħ ta' bibein u twieqi fil-ħitan, bini ta' ħitan ġodda, tneħħija ta' kisi, tinqix ta' ħitan, pavimentar ta' parti mill-ġnien, tqegħid ta' katusi tad-drenaġġ u katusi tal-ġiebja fl-imsemmi ġnien.

Mix-xhieda ta' Franco Pisani jirriżulta li meta dan ix-xhud, flimkien ma' rappreżentant tal-mużewijeit marru fuq il-post, sabu ħaddiema jnaqqxu l-ħtian tal-pjanterren. Ċerta Paolo Spiteri kien jieħu ħsieb il-post u spjega li ien ser jibdlu s-saqf ta' sala isfel u oħra fuq. Huwa kien spjega lill-imputati li l-faċċata ma setgħetx tintmiss u li setgħu jagħmlu alterazzjonijiet fqu ġewwa wara li jkollhom il-peremssi meħtieġa. Hawnhekk ingħatat stop notice (23 ta' Lulju 1994) lill-imputati u spjegalhom il-kontenut tagħha bit-Taljan. L-imputat kien qal li skond il-Perit is-soqfa kienu fi stat perikoluż. Ix-xhud qal li ma kein sab ebda applikazzjoni fuq il-post.

Xehed ukoll Furtu Caruana li kkonferma li kien fl-4 t'Ottubru 1995 ġibed l-attenzjoni tal-ħaddiema li sab jaħdmu li fuq il-post kienet ħarġet stop notice.

Xehed ukoll Johann Buttigieg li kien mar fuq il-post bejn it-18 ta' Frar 1997 u l-4 ta' Marzu 1997. Min-naħa ta' wara ra li kein sar xi xogħol fuq iż-żewġ torrijiet li hemm mal-Palazz. Huwa qal li fl-4 ta' Marzu 1997 marru diversi persuni li jirrappreżentaw l-awtoritajiet fuq il-post u ħadu r-ritratti li qegħdin ippreżentati fil-proċess. Huma kienu infurmaw lill-kuntrattur Paul Spiteri li kien hemm stop notice imwaħħla mal-bieb ta' barra tal-Palazz u li sa dak in-nhar kienet għadha mwaħħla. Hawn taw twissija lill-kuntrattur li ma setax ikompli. Kienet saret ukoll Title

Transfer Notice li biha kien infurmat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex ma jsirx l-att tat-trasferiment. Fil-kontro-eżami li sar fit-3 ta' Diċembru 1998 dan ix-xhud qal li applikazzjoni formali saret **fit-18 ta' Marzu, 1998**. (Dok JB4). Huwa ppreżenta wkoll aktar dokumenti fis-seduta tad-19 ta' Novembru 1998.

Xehed ukoll Joseph Magro Conti, arkeologu mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-post kien qed jinżamm magħluq u kellom jitilgħu fuq il-bjut tal-ġirien fejn innutaw xi strutturi, waħda ta' tliet sulari barra xi żidiet oħrajn. Dawn ix-xogħlijiet kienu evidenti mis-survey sheet tal-1988 u l-aerial photos tal-1993 fejn l-istrutturi l-ġodda msemmija ma kinux jidhru. Dan ix-xhud ippreżenta raport immarkat JMC 1 kif ukoll kpja tas-site plan ibbażata fuq l-aerial photography survey tal-1988 (Dok JMC 2) u ritratt tal-aerial photography survery meħud fl-1988 (Dok JMC 3). Ix-xogħlijiet saru bla permess u l-metodiloġija użata ma kinitx aċċettabbli. Bħala eżempju huwa semma t-tbaqqin frisk (u mhux ta' xi sittin sena ilu) li sar biex jitneħħa t-tikħil. Barra dan il-hacking ma kienx rakkomandabbli għal bini li għandu priorita' ta' konservazzjoni. Il-Palazz kien jinsab protett taħt l-Antiquities Act 1925 uddaħħal fl-inventarju għall-Protezzjoni tal-patrimonju storiku tal-Ippjanar fl-1992. Sar fully scheduled f'April jew Mejju 1998. In kontro-eżami (11 ta' Marxu 1999), ix-xhud qal li f'postijiet storiċi jinħtieġ permess sabeix isir chasing għall-conduit u kanen. Il-maġġoranza taċ-chasing ma kienx sar bejn il-fili. It-trinek kienus aru reċentement. Fil-parti l-kbira l-elettriku kien surface mounted - metodu li huwa aċċettabbli

Xehed Nathaniel Cutajar kuratur fil-mużew tal-Arkeoloġija li kkonferma li l-bini huwa wieħed storiku li jmur lura għas-seklu XVII u jaqa' taħt id-definizzjoni ta' 'antikwita' skond l-Antiquities Act 1925. Kien inkluż fl-Antiquities' List li saret fl-1935. Hekk jidher fl-estratt NC 1 taħt item 37. Kien id-Direttur tal-Mużew li fis-6 ta' Marzu 1997 kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu l-passi meħtieġa.

L-A.I.C. David Mallia xehed bħala Perit fuq il-konservazzjoni tal-monumenti. Huwa kkonferma li l-post

huwa storiku bil-parti ċentrali tiegħu tas-seicento jew is-settecento. Is-sala l-kbira u t-torri huam tal-ottocento. Meta kien amr fuq il-post kein sab ħaddiem li kien qed juża jigger biex ineħħi t-tikħil minn pilastri tal-loġġa tal-pjan terren. Kien jidher li kienu nbnew xi kmamar ġodda waqt li kienu qed isiru xi alterazzjonijiet interni. Imbagħad tneħħiet pittura minn fuq il-ħitan tal-intrata. Kwalunkwe tibdil ħtieġ il-permess tad-Direttur tal-Mużewijiet.

**Xhieda Difiża**

L-imputat Rosario Distefano xehed fis-6 ta' Ġunju 2000. Huwa qal li huwa l-proprjetarju tal-Palazz li kien fi stat tal-biki. Is-saqaf tal-ewwel sular ma kienx stabbli. Kien diversi xorok miksura li minnhom kien jgħaddi l-ilma. Il-balavostri tal-ġnien kienu miksura. Kien hemm funtana li kellha madwar ħamsin sena u li kienet miksura. Biex tinżamm f'daqqa kien hemm biċċiet tal-ħadid. L-imputat qal li kienu marru għand id-Direttur tal-Mużew qabel ma nxtara l-Palazz u staqsewh setgħux jagħmlu xi bdil intern u hu kien weġibhom li setgħu jagħmlu dan. Wara l-akkwist kienu marru għand il-Perit Emmanuel Zammit u spjegawlu x'riedu jagħmlu u kienu iffrimaw xi karti. Meta ħassewhom li l-Perit kien ġab l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa, bdew bix-xogħol. Huma neħħew is-siment li kienu għamlu l-proprjetarji ta' qabel li kien sar minħabba l-umdita'. Neħħew ukoll l-ilma mill-ġiebja li kein hemm taħt il-Palazz minħabba li din kienet qed tikkawża umdita'. Huma kienu wkoll għamlu tibdil fl-elettriku bl-inqas ħsara possibbli lill-ħitan. Innutaw ukoll li fl-ewwel pjan kien hemm bieb li kien ingħalaq (bil-ġebel) li huma reġgħu fetħu mill-ġdid. B'hekk kienu sabu l-istrutturi oriġinali tas-sttecento.

L-imputat kompla jgħid li l-ibdil sar sabiex il-Palazz setgħu jabitaw fih. Huwa qal li kienu marru nies kwalifikati (bħall-uffiċjali tal-Mużew) u kienu soddisfatgti b'dak li raw. Dawn ġew aktar minn darba. Huma qatt am kienu għamlu x-xogħol bil-ħabi. Huwa qalli meta kien mar is-sur Joe Felice tal-Planning Authority huwa kien qalilhom li x-xogħol kien miexi sewwa. Allur huma fehmu li setgħu ikomplu. Kien matul l-aħħar żjara tiegħu li qalilhom biex

jieqfu. Xi ħadd ħalla karta bil-Malti li huma ma setgħux jifhmu. Malli huma ndunaw li kellhom jieqfu mix-xogħol huma waqfu. Ħadd ma kien qalilhom li l-Planning Authority kienet waqqfithom milli jittrasferixxu l-post. Huma ma kienu għamlu ebda dannu lill-Palazz. Riedu biss jaġġmlu xi benfikati. Meta kienu daħlu l-ewwel darba fil-Palazz l-ilma kien jidħol fi kważi kull karma. Din kienet l-ewwel problema li kellhom jieħdu ħsieb. Ma keinx hemm istema tad-dreaġġ u huma għamluha. Il-paviment tal-ġnien kien miksur u huma kienu għamluh bil-ġdid b''mattonelle di pietra' kif inhi l-użanza f'Malta. Is-saqaf kien ser jaqa' u huma kienu għamluh mill-ġdid bis-sistema l-antika jiġifieri bit-travi tal-injam u bix-xorok.

Xehdet ukoll l-imputata fl-1 t'April 2002 u prattikament tat l-istess dettalji li ta l-imputat l-ieħor dwar l-istat tal-palazz. Huma kienu għamlu dawk ix-xogħolijiet biss li kellhom isiru. Hija filfatt elenkat x'għamlu sabiex il-Palazz ikun abitabbli. Hija qalet ukoll li meta kellmu lid-Direttur tal-Mużew huwa kien qalilhom li fuq ġewwa setgħu jagħmlu li jridu iżda l-faċċata ma setgħux imissuha.

Fl-1 t'Ottubru 2002, xehed l-AIC Paul Camilleri li kien ħa over mill-Perit Zammit u qal li kein hemm applikazzjoni pendenti li kienet ippreżentata mill-AIC Anton Zammit. Huwa ikkonferma wkoll li kienu saru laqgħat ma' rappreżentanti tal-Awtorita' tal-Ippjanar u kien hemm indikazzjonijiet li s-sanzjoni tax-xogħol inkwistjoni waslet fi stdaju finali b'mod pożittiv.

Fit-3 ta' Frar 2003, Dr Mario Demarco irrileva għall-imputati li l-AIC Camilleri, li kien qed jassisti lill-imputati, kien ingħata mill-Mepa lista ta' modifiċi li riedu jsiru.

**Rat li fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2009 il-Prokuratur Legali s-sur Joseph Catania, li f'dawn il-proċeduri deher għan-nom tal-Mepa, esibixxa Full Development Permission maħruġ mill-Mepa fis-7 ta' Mejju 2007 (File: PA 01531/98) għal sit fi Triq il-Ħaddiema, Żurrieq bil-kondizzjonijiet kollha hemm annessi.**

**Skond ix-xhieda tal-istess PL Joe Catania, dan il-permess 'ikopri l-illegalitajiet kollha.' (Ara xhieda tal-1 ta' Ġunju, 2009).**

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mix-xhieda prodotti l-Qorti hija konvinta li l-imputati għamlu tibdil, żiedu bini u wettqu xogħlijiet oħra fil-fond imsemmi u dna għamluh meta ma kienx hemm applikazzjoni għal tali permess. Filfatt ix-xogħolijiet saru qabel ma kienet ippreżentata applikazzjoni mill-Perit Emmanuel Zammit kif jidher mid-dati mogħtija. Infatti l-applikazzjoni kienet ippreżentata fit-18 ta' Marzu, 1998 waqt li kienet ħarġet stop notice fid-19 t'April 1994.

Jirriżulta mix-xhieda mogħtija li l-post kien wieħed storiku u skedat.

L-imputati ssottomettew tliet punti ta' difiża:

a) Li huma kienu ħadu parir minn għand id-Direttur tal-Mużewijiet li kien qalilhom li uq ġewwa setgħu jagħmlu li jridu iżda li ma setgħux imissu l-faċċata ta' barra;

b) Li dak li għamlu kienu benefikati li kellhom isiru bilfors minħabba l-istat li kien fih il-Palazz u li filfatt huma għamlu dak il-minimu meħtieġ.

ċ) Li huma ma fehmux l-istop notice għax din kienet bil-Malti.

Bir-rispett kollu, il-Qorti mhix konvinta minn dawn l-argumenti għar-raġunijiet segwenti:.

a) L-ewwelnett, ukoll jekk id-Direttur tal-Mużewijiet tkellem kif allegat mill-imputati, dan qatt ma ttella' minnhom biex jikkonferma bil-ġurament dak li kien qal. Barra dan, id-Direttur tal-Mużewijiex ma jagħtix pariri legali u jekk l-imputati kellhom dubju, jmisshom ħadu parir legali.

b) It-tieni difiża hija parzjalment veritjiera għax jidher li l-imputati żiedu fil-bini li kien diġa' eżistenti u diffiċli biex wieħed jifhem kif l-imputati m'għaddilhomx minn rashom li għal dan ħtieġu permess.

ċ) It-tielet mhix skuża li wieħed ma jkunx jaf il-Liġijiet Kriminali ta' pajjiż u żgur li kellhom fuq min iduru biex ifehemhom x'kien fiha l-istop notice bit-Taljan. Wara kollox mill-atti jirriżulta li l-imputati saħansitra qabdu xi żewġ kelmiet bil-Malti wkoll u, fuq kollox, l-ilsien Taljan fostna huwa magħruf sew.

Għaldaqstant il-Qorti mhix taċċetta dawn l-argumenti u hija konvinta li mhux biss għamlu dan it-tibdil bla permess iżda li dan it-tibdil baqa' sejjer wara l-istop notice, għall-anqas mill-kuntrattur imqabbad mill-imputati.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, jirriżulta li l-Kap 54 kien tneħħa mis-seħħ permezz tal-Att V tas-sena 2002 (illum il-Kap 445 tal-Liġijiet ta' Malta –il-Cultural Heritage Act), fl-artikolu 56 tal-Kap imsemmi hemm biss ż-żamma fis-seħħ tar-regolamenti li kienu saru taħt l-Att dwar l-Antikitajiet. M'hemm ebda referenza (u dan mhux biss fil-Kap 445 kif jidher taħt il-Liġijiet kif imniżżla fis-sit Gov.mt iżda wkoll fl-Att oriġinali). Fis-saving clause m'hemmx provvidement (kif sar fl-Att I tal-1992) li bih kienu salvati proċeduri (bħala differenza mir-regolamenti) li kienu nbdew qabel. Tassew li l-artikolu 46 tal-Kap 356 huwa dwar 'Scheduled Property' iżda l-imputazzjoni hija redatta f'termini tal-Kap 54 li m'għadux fis-seħħ u fiha m'hemm ebda referenza għall-kontentut tal-artikolu 46 tal-Kap 356. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat l-imputazzjoni kif kienet is-sitwazzjoni legali dak iż-żmien. Iżda minn meta nbdew il-proċeduri il-pożizzjoni nbidlet u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-ewwel imputazzjoni minħabba li ma kienx hemm 'saving' **dwar proċeduri pendenti**. (Dan lanqas ma jidher li sar taħt l-artikolu 53 tal-istess Att).

Iżda qed issibhom ħatja tat-tieni imputazzjoni għaliex huma għamlu alterazzjonijiet interni mingħajr permess u naqsu li jobdu l-istop notice.

*Il-Qorti qed tqis li s-sitwazzjoni issa ġiet sanata. B'danakollu ma jfissirx li ma nkisritx il-Liġi meta l-imputati qabdu u għamlu l-alterazzjonijiet mingħajr il-permessi meħtieġa.*

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 3 u 6(1) tal-Kap 54, wara li rat li dan il-Kap illum m'għadux fis-seħħ, wara li rat li fis-saving article tal-Kap 445 li proċeduri mibdija taħt il-Kap 54 ma kienx jinkludi kliem jew klawsola li jsalva l-proċeduri li kienu diġa' mibdija, l-artikoli 52(1) u 56(1)(a) u (ċ) tal-Kap 356 (Development Planning Act), qed tillibera lill-imputati mill-ewwel imputazzjoni waqt li qed issibhom ħatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni.**

**Ġaladarba mix-xhieda mogħtija mill-Uffiċjal tal-Mepa jidher li issa nħarġu l-permessi meħtieġa l-Qorti qed tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati biex iħallas multa ta' elf mija u erba' u sittin Ewro u disgħa u erbgħin euro cent.(€1164.49)**

**Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna wkoll lill-imputati jħallsu nofs tal-espert maħtur mill-Qorti li jammontaw €2633 (Lm1125.25 ) u għalhekk il-ħlas huwa ta' €1316.54 kull wieħed.**

**Dan il-każ ħa daqshekk żmein minħabba li l-imputati kienu qed jgħixu għal ħafna żmien barra minn Malta u kull tant ċerti seduti ma setħgux isiru kif ukoll minħabba li l-permess sanatorju ħa ż-żmien biex ħareġ.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------